# Is-sena 2018 tibqa' marbuta mal-ġrajja tal-Bażilika tal-Mosta

**Mark Micallef Perconte**

Is-sena 2018 żgur li se tibqa' mniżżla b'ittri tad-deheb fl-istorja tal-Mosta. Dan għaliex propju nhar id-29 ta' Lulju 2018, Mons. Charles Jude Scicluna, Arċisqof ta' Malta, għolla għad-dinjità ta' Bażilika Minuri ir-Rotunda tal-Assunta.

## Storja tal-Parroċċa

Parroċċa li twaqqfet nhar is-16 ta' Settembru 1608 mill-Isqof Tumas Gargallo, b'Dun Ġwann Bezzina jingħata l-pussess bħala l-ewwel kappillan. Għadda ż-żmien u l-Kappillan Żurrieqi Dun Feliċ Calleja ħass il-ħtieġa li jibni knisja akbar. Intgħażlet il-pjanta ta' knisja Rotunda tal-Arkitett Inġinier Ġorġ Grognet de Vassè.

L-ewwel ġebla tqiegħdet nhar it-30 ta' Mejju 1833 mill-Arċidjaknu Mons. Salv Lanzon, Vigarju Ġenerali ta' Malta.

Il-ħidma tal-Mostin ma qatgħetx! Ħadmu bla heda biex jaraw dan il-monument tassew għal qalbhom jitlesta! Fil-fatt ir-Rotunda tbierket nhar is-16 ta' Frar 1860 u fil-11 ta' Marzu tal-istess sena b'ringrazzjament lil Alla u lill-Madonna, Mons. Gaetano Pace Forno intona t-Te Deum.

Ir-Rotunda ġiet ikkonsagrata minn Mons. Gaetano Pace Forno nhar il-15 ta' Ottubru 1871 u nhar l-10 ta' Lulju 1886 ingħatat it-titlu ta' Arċipretali.

Fl-1913, il-Mostin kienu kburin li ntgħażlet propju r-Rotunda tagħhom biex, fit-23 ta' April isir il-ftuħ tal-XXIV Kungress Ewkaristiku Internazzjonali fil-preżenza tal-Kardinal Domenico Ferrata, Legat tal-Papa u diversi Kardinali u Isqfijiet oħra.

F'nofs is-seklu XX, Malta sabet ruħha fil-qalba tal-ġlied tan-Tieni Gwerra Dinjija.

Matul dawn iż-żminijiet koroh, il-Mostin żammew it-tama tagħhom f'Marija.

Fil-fatt fid-9 ta' April 1942, waqt li l-poplu kien miġbur fir-Rotunda għall-Ora Santa, bomba nifdet mill-koppla eżatt fl-4.40pm u b'miraklu ħadd ma weġġa' għaliex il-bomba ma splodietx.

Fit-22 ta' Settembru 1946, fir-Rotunda saret petizzjoni nazzjonali lill-Q.T. il-Papa Piju XII biex jiddefinixxu bħala domma tal-fidi l-Assunzjoni fis-Sema tal-Madonna bir-ruħ u bil-ġisem.

L-10 ta' Awwissu 1975 ukoll jibqa' imniżżel b'ittri tad-deheb fl-istorja tal-Mosta. Kien l-Arċipriet Dun Bartilmew Bezzina li twebbel li jinkuruna x-xbieha għażiża tal-Assunta meqjuma fil-kwadru titulari tar-Rotunda. Dakinhar, Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi f'isem u bl-awtorità tal-Papa Pawlu VI, qiegħed kuruna tad-deheb fuq ix-xbieha tal-Madonna fil-kwadru titulari tal-Assunta.

B'hekk ir-Rotunda ġiet mgħollija għad-dinjità ta' Santwarju.

Fi żmien l-Arċipriet Dun Guzepp Carabott, fl-okkażjoni tal-50 sena mill-proklamazzjoni tad-Domma tal-Assunta u tal-25 sena mill-inkurunazzjoni tal-Kwadru titulari, ġie mqiegħed Stellarju mat-titular għażiż tal-Assunta nhar l-10 ta' Awwissu 2000.



Kien propju nhar id-29 ta' Lulju 2018, fi żmien l-Arċipriet Dun Sebastjan Caruana, li Mons. Charles Jude Scicluna, Arċisqof ta' Malta għolla dan t-tempju għad-dinjità ta' Bażilika Minuri

## It-Titlu ta' Bażilika Minuri

Ħafna staqsew x'inhi Bażilika Minuri. Il-kelma "bażilika" ġejja mill-kelma Griega "basilikos", li tfisser dar/palazz tar-rejiet.

Hi drawwa li tmur lura mijiet ta' snin li knejjes ta' ċerta importanza jingħataw dan it-titlu.

Erbgħa biss huma l-Bażiliki Maġġuri fid-dinja u dawn qegħdin f'Ruma: San Pietru fil-Belt tal-Vatikan, San Giovanni Lateran, Santa Maria Maggiore u San Paolo Fuori Le Mura. Dawn huma erbgħa għax ifakkru l-erba' sedi patrijarkali tal-Knisja Kattolika Universali: Ruma, Kostantinopli, Lixandra u Antijokja.

Mela, waqt li dawn huma Maġġuri, il-Bażiliki l-oħrajn kollha madwar id-dinja, inkluża l-Bażilika tal-Mosta huma kollha Bażiliki Minuri.

Dan it-titlu jingħata lil dawk il-knejjes li jispikkaw minn oħrajn, ngħidu aħna r-Rotunda tal-Mosta tispikka fil-kobor tagħha, hi meqjusa b'waħda mill-akbar fl-Ewropa, seħħew fiha ġrajjiet nazzjonali u storiċi, eluf ta' nies jiġu jżuruha ta' kuljum, għandha bosta opri tal-arti, l-għeżeż fosthom kollha l-kwadru titulari tal-Assunta li kif digà semmejt hu inkurunat b'digriet tal-Papa Pawlu VI.



Il-Purċissjoni nhar l-Għid tal-Assunta



Id-dilka biż-żejt tal-altar il-ġdid tal-Bażilika, waqt ir-rit tal-Konsagrazzjoni

Imma l-aqwa ħaġa hi l-attendenza tal-poplu nisrani u s-sehem tiegħu fil-liturġija li għall-grazzja t'Alla fil-Mosta tidher b'mod ħaj.

Is-simbolu li jindika li knisja tkun imżejna bit-titlu ta' Bażilika hu s-Salib Papali. Fil-faċċata tal-knisja tqiegħed salib bi tliet injamiet mimduda, waħda akbar mill-oħra. Fih diversi tifsiriet. Ħalli nsemmi waħda biss: jista' jfisser is-salib ta' Kristu fuq il-Kalvarju maż-żewġ slaleb tal-ħalliel it-tajjeb u tal-ħalliel il-ħażin. Dan hu simbolu li l-Knisja Mqaddsa, li tagħha l-Papa hu l-Kap, trid tippersevera lit-tajbin waqt li tressaq lejha lill-ħżiena biex jikkonvertu.

Simbolu ieħor li juri li l-knisja hi Bażilika Minuri tal-Papa hu dik l-umbrella kbira msejħa 'Umbrellun Bażilikali' u t-'Tintinablu'. Dawn it-tnejn huma simbolu tal-Papa. Bħalma x-xemgħa tal-Blandun fl-Għid tissimbolizza lil Kristu Mqajjem mill-mewt, hekk dawn is-simboli jridu jwasslu tifsira.

Niftakru li l-Knisja hi mimlija simboliżmu biex tgħinna nifhmu l-ħwejjeġ qaddisa.

Kienet drawwa antikissima li meta l-Papa jmur iqaddes f'xi knisja f'Ruma, waqt il-purċissjoni kien ikun hemm wieħed quddiem idoqq tokki bil-qanpiena biex jimmarka l-wasla tal-Papa.

Biex tipproteġi lill-Papa mill-elementi, speċjalment tax-xemx, kien jimxi wieħed iżomm umbrella kbira bil-kuluri ta' Ruma – li huma l-isfar u l-aħmar.

Matul iż-żmien, dawn intrabtu mal-Papa u saru parti mis-simboli li jfakkruna fil-preżenza tiegħu.

Il-poplu nisrani tal-Mosta kien ilu bix-xewqa li l-knisja monumentali tagħhom tingħata dan t-titlu. Kien għalhekk naturali dak li ġara nhar l-Għid tal-Assunta tal-2015, meta l-Arċipriet Dun Albert Buhagiar għamel it-talba formali lil Mons. Arċisqof biex dan is-Santwarju jingħata t-titlu ta' Bażilika Minuri.

Wara snin ta' ħidma, il-ħolma ta' ħafna Mostin seħħet! Kien nhar id-29 ta' Lulju 2018, fi żmien l-Arċipriet Dun Sebastjan Caruana, li Mons. Charles J Scicluna, Arċisqof ta' Malta għolla lil dan t-tempju għad-dinjità ta' Bażilika Minuri.

Dan seħħ b'digriet pontifiċju tal-Papa Franġisku, li jġib id-data tal-31 ta' Mejju 2018.

## Konklużjoni

Issa li l-Parroċċa ingħatat it-titlu ta' Bażilika Minuri, ikollha l-arma tagħha speċjali. Fil-fatt, issa l-arma tal-parroċċa tal-Mosta inbidlet – hi maqsuma fi tnejn: Fil-parti t'isfel hemm l-arma tal-Mosta li turi salib ħamrani fuq sfond tal-fidda, simbolu tal-fidi nisranija, stilla bajda fin-nofs, simbolu tal-Madonna patruna tagħna u ċ-ċirku isfar li jfisser ir-Rotunda. L-imfietaħ u l-umbrellun huma simboli Papali waqt li jagħlaq kollox il-motto tal-Mosta *Spes Alit Ruricolam* – It-tama tgħajjex lill-bidwi. Dan ifakkarna li l-Mosta kienet raħal li niesu kienu jgħixu mir-raba'.



Mons. Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta, juri id-Digriet Pontifiċju lill-miġemgħa miġbura eżatt wara li għolla lir-Rotunda tal-Mosta għad-dinjità ta' Bażilika Minuri



Mons. Arċisqof qiegħed ibierek is-Salib Papali li tpoġġa mal-faċċata tar-Rotunda, wieħed mill-insinji tal-Bażilika



L-Insinji Bażilikali, it-Tintinablu u l-Umbrellun, waqt it-Transulazzjoni lejliet Santa Marija